MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**IAN SPITERI BAILEY**

Seduta tas-17 ta' Settembru, 2008

Talba Numru. 755/2006

**John ID No : 921645(M) u Helen**
**ID No : 304852(M) konjugi Bartolo**

**Vs**

**Paul Falzon**

**It-Tribunal,**

Ra l-**Avviz** fl-ismijiet premessi pprezentat fid-9 ta' Awissu, 2006 fejn gie premess illi l-atturi soffrew danni in kwantu illi permezz ta' kuntratt datat 4/1/1988 atti Nutar Marthese Felice (Dok JB1) il-konvenut biegh lill-atturi flat numru 1, Garden Flats, Triq Emanuel Benjamin Vella, B'Kara soggett ghal cens annwu u perpetwu ta' sbatax il-lira Maltija (Lm17) minn kull haga ohra liberu u frank (Dok A).

Meta l-atturi gew biex jakkwistaw dirett dominju gew infurmati li c-cens huwa rivedibbli b'rizultat li biex akkwistaw id-dominju kellhom ihallsu tmien mija u erbgha

u sebghin Liri Maltin (Lm874.15) u kwantu ghal Lm850 iktar fil-prezz ghall-akkwist tad-dirett dominju u Lm24.15 bolol. L-akkwist tad-dritt sar b'kuntratt 27/7/06 atti Nutar K. German. Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-iitra legali 3/7/06 (Dok B) u bl-imghax skond il-ligi kontra l-konvenut minn issa ngunt in subizzjoni.

Ra r-**Risposta** tat-12 ta' Settembru, 2006 fejn gie eccepit illi : (1) fl-ewwel lok l-atturi ghandhom jindikaw taht liema artikolu tal-ligi istitwew il-prezenti kawza, (2) bla pregudizzju l-kompetenza *rationae materie*, (3) bla pregudizzju l-azzjoni hija preskritta, (4) bla pregudizzju ma hemm l-ebda nuqqas li jista` jigi imputat lill-konvenut, (5) illi fil-kuntratt ta' bejgh hemm referenza ghall-kuntratt li jsemmi li c-cens hu rivedibbli, (6) il-konvenut ma hux responsabbli ghall-ebda danni. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra illi fis-seduta tas-26 ta' Settembru 2006 il-partijiet qabblu illi minkejja l-eccezzjonijiet ta' natura preliminari tal-konvenut, it-Tribunal kellu jisma` l-provi kollha u jaghti sentenza wahda.

Ra d-dikjarazzjoni maghmula mid-difensur tal-atturi fis-seduta tat-2 ta' Novembru 2006 fejn gie verbalizzat illi b'referenza ghall-ewwel eccezzjoni, il-kawza kienet bbazata fuq danni kontrattwali u jaghmel referenza ghal kuntratt ta' l-akkwist ta' l-atturi.

Ra d-dikjarazzjoni tad-difensur tal-konvenut fis-seduta tat-18 ta' Jannar 2007 fejn gie verbalizzat illi l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni moghtija mill-konvenut hija bbazata fuq l-Artikolu 2156(f) tal-Kap 16.

Ra l-provvediment moghti minn dan it-Tribunal fit-8 ta' Ottubru 2007, li permezz tieghu ordna illi n-Nutar Marthese Felice tissejjah fil-kawza.

Ra r-**Risposta** ta' l-istess kjamata in kawza Nutar Marthese Felice tal-14 ta' Dicembru 2007, fejn gie eccepit preliminarjament illi t-talba attrici hija preskritta a tenur ta'

l-Artikolu 2156(f) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, oltre` l-eccezzjonijiet l-ohra kollha hemmhekk maghmula.

Ra d-digriet ta' dan it-Tribunal moghti fis-seduta tas-16 ta' Jannar 2008 fejn laqa` t-talba tal-kjamat in kawza illi tigi deciza l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni tal-kjamata in kawza b'sentenza in parte ghaliha.

Ra d-decizjoni in parte moghtija min dan it-Tribunal fit-13 ta' Mejju 2008 li permezz taghha intlaqghet l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-kjamat in kawza – dik dwar preskrizzjoni – u ddikjara l-azzjoni odjerna preskritta fil-konfront tal-istess kjamat in kawza.

Ra l-verbal tas-seduta tas-17 ta' Gunju 2008 fejn il-konvenut iddikjara illi ma kellux aktar provi x'jipproduci u fejn id-difensuri tal-partijiet qabblu illi l-kawza tithalla ghad-decizjoni.

Sema` x-xhieda kollha prodotti.

Ra d-dokumenti kollha esebiti.

Ikkunsidra :

Illi bis-sentenza tieghu tat-13 ta' Mejju 2008, it-Tribunal iddecieda dwar l-ewwel eccezzjoni tal-kjamat in kawza – ossia illi t-talba attrici hija preskritta fil-konfront taghha a tenur ta' l-Artikolu 2156 (f) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta – laqa` l-istess talba.

Illi anke l-konvenut kien eccepixxa l-istess eccezzjoni (fit-tielet eccezzjoni tieghu u kif mbaghad specifikat l-artikolu fis-seduta tat-18 ta' Jannar 2007).

Illi l-istess konsiderazzjonijiet u motivazzjonijiet msemmija fid-decizjoni ta' dan it-Tribunal tat-13 ta' Mejju 2008, it-Tribunal ihoss u jidhirlu illi ghadhom u jibqa` validi u vigenti sabiex tigi determinata ukoll in l-eccezzjoni kif sollevata, din id-darba, mill-konvenut.

Illi una volta illi dan it-Tribunal propens illi jilqa` din l-eccezzjoni, huwa inutili u superfluwu illi jidhol u jikkunsidra il-mertu tal-kawza u ghalhekk sejjer mill-ewwel jiddisponi mit-tielet eccezzjoni sollevata mill-konvenut.

Ghaldaqstant, wara li qies il-provi kollha prodotti u c-cirkostanzi kollha tal-kaz, it-Tribunal jaqta` u jiddeciedi billi jilqa` t-tielet eccezzjoni sollevata mill-konvenut – dik dwar preskrizzjoni ai termini a' l-Artiklu 2156(f) tal-KAP 16 - u jiddikjara l-azzjoni odjerna preskritta ukoll fil-konfront tal-konvenut.

Bl-ispejjes li ghandhom jigu sopportati mill-atturi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------